MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru. 361/2006

**IL-PULIZIJA**

**SPETTUR MARIO TONNA**

**KONTRA**

**STEFAN CUTAJAR TA' 21 SENA MWIELED PIETA'**

**NAHRIS-16/04/1984, BIN JOSEPH U MARIA IRIS NEE CASSAR**

**RESIDENTI GEWWA 84, TRIQ CARMEL LUQA, DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA BIN-NUMRU 203984M**

**LOUIS MALLIA TA' 37 SENA MWIELED PIETA' NHAR IL-21/07/1968,**

**BIN LOUIS U L-MEJTA FRIDA URRY RESIDENTI GEWWA**

**33, FLAT 10, TRIQ L-ISPTAR, IL-BELT VALLETTA,**

**DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA' 319068M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Stefan Cutajar** u **Louis Mallia** akkuzati talli matul il-lejl ta’ bejn it-22 ta’ Novemru, 2002 u t-23 ta’ Novembru, 2002 ikkommetta serq ta’ flejjes, sigaretti u tabakk, kif ukoll apparat tal-muzika mill-fond Kummercjali maghruf bhala ‘Scotsman Pub’ li jinsab gewwa Triq San Gorg, San Giljan ghad-dannu tal-kumpanija PJ Bar Tenders/RJC Caterers Ltd., liema serq uwa aggravate bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur u dan ai termini tal-artikolu 261, 263, 267, 269, 270 u 278, 279, 280 u 281 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u that l-istess cirkostanzi u fi granet wara xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehro u cioe ksur u hsarat fil-fond kumercjali msemmi fl-ewwel akkuza ghad-dannu talo-istess kumpanija msmmija u dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkommettu reat ezercitaw dritt li jippretendi li ghandhom minghajr il-kujsens tas-sid tal-fond ‘Scotsman Pub’, Triq San Gorg, San Giljan u dan ai termini tal-artikolu u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur tal-fond kummercjali imsemmi ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-istess kumpanija msemmija u dan ai termini tal-artikou 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli nhar it-23 ta’ Novembru, 2002 ghall-habta ta’ 4.00 a.m. minn gewwa Triq San Gorg San Giljan ikkommettew serq ta’ vettura Nru. IAT-091 tal-ghamla Fiat Tipo ghad-dannu ta’ Clint Borg minn San Gwann liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-lok, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruq u dan ai terminu tal-artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 271 u 278, 279, 280 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe kusr u hsarat fuq vettura IAT 091 tal-ghamla Fiat Punto ghad-dannu ta’ Clint Borg minn San Gwann u dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data u hinijiet bejn l-inhawi ta’ San Giljan u l-Belt Valletta ikkommettew serq ta’ apparat ta’ hi-fi minn gewwa l-vettura IAT-091 tal-ghamla Fiat Tipo ghad-dannu ta’ Clint Borg minn San Gwann liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqqa u dan ai termini tal-artikolu 261, 263, 270, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputat Louis Mallia bhala li rrenda ruhu recidiv u dan b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-appell kriminali u tal-Magistrati ta’ liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-akkuzi huma kienu wiegbu li ma kinux hatja ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra taghhom.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema tista’ tinstab htija u cioe:

(1) l-artikoli 20, 261(b), (c), (e), (f), 263, 267, 269 270, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(2) l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(4) l-artikoli 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(5) l-artikoli 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(6) l-artikoli 20, 261(b),(c),(f),(g), 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(8) l-artikolu 20, 261(b), (c), (f), (g), 263, 267, 270, 271, 278, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(9) l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll li moqrija l-istess l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji, oltre ghal fatt li t-tnejn ma ressqu edbda prova indifiza.

Semghet ix-xhieda prodotta.

Xehed l-Ispettur Mario Tonna dwar informazzjoni ta' l-agenti tas-serqa li kienet saret fi Scotsman Pub, liema nformazzjoni giet moghtija lilu minn certu Steve Sptieri. Pprezenta wkoll tliet stqarrijiet ta' Cutajar Dok SC, SC1, SC2 kif ukoll stqarrija ta' Mallia Dok LM.

In kontroezami l-Ispettur qal li dan Steve Spiteri kien prezenti gewwa flat il-Gzira meta skondtu sema b'widnejh dan il-ftehim ghal kummissjoni ta' dan ir-reat. L-Ispettur qal ukoll li meta sar konfront bejn Spiteri u l-imputati, dawn baqghu jinnegaw l-involviment taghhom.

Pierre Bartolo dana xehed bhala direttur tal-kumpanija PJ Bartenders u ta' JC Caterers li jmexxu l-Iscotsman Pub San Giljan. Ikkonferma li kienet saret serqa minn hemm fl-2002. Insterqu minn hemm Lm1700. Qal ukoll li s-serqa kienet ta' flus, sigaretti u xorb. Xehed li ma gewx ikkumpensati u li ma kinux inxurjati.

Stephen Cachia min-naha tieghu xehed in rappresenanza ta' Transport Malta ghamel ricerka fuq vettura Yugo 45A registrata fuq Marcelle Pollacco 10/3/94. (fol 106 Dok SC).

Clint Borg xehed li kienet insterqitlu karozza minn San Giljan, Fiat Tipo IAT-091. Xehed li din il-vettura kien rega' raha gewwa l-Belt zarmata bla roti,

stereo, speakers. Bhala "sound" qal li kellu fiha b'cirka Lm 500, eskluz il-prezz tar-roti. Qal ukoll li eventwalment din kien partata ma' vettura ohra u li kienet swietlu Lm 1500.

Ghalhekk xehed Brian Farrugia (Transport Malta) dwar il-vettura msemmija li qal li din kienet registrata fuq Charles Xuereb mill-14/10/08 Dok BF (fol 155).

Sp. Pierre Micallef Grimaud dwar sentenzi esebiti, allura prova ta' recidiva, fil-konfront ta' Louis Mallia.

Rat ukoll l-atti tal-Inkjesta liema inkjesta kienet moghtija bla konkluzjoni mill-Magistrat Inkwirenti.

Gew esebiti wkoll l-istqarrijiet ta' l-imputati, fihom jidher anke konfront li sar bejnhom u bejn Steve Spiteri. Minn dawn jidher li l-imputati nnegaw l-involviment taghhom kif ukoll nghatat ir-raguni li dana Spiteri setgha kien qed jghid hekk bi tpattija talli Louis kien xehed kontra certu Gorg, ziju ta' Steve. Dawn l-istqarrijiet qed jittiehdu in konsiderazzjoni in vista tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Ottubru, 2012 fl-ismijiet "Charles Stevens Muscat vs Avukat Generali", u dan in vista' tal-istat tal-fedina penali taghhom, u fil-fehma ta' din il-Qorti n-nuqqas ta' vulnerabbilta' taghhom fi zmien tat-tehid taghhom, dejjem fl-ambitu tal-punt legali li dak li jghid ko-imputat ma jaghmilx prova kontra ko-imputat iehor (ara Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi jirrizulta wkoll mill-atti illi dan Steve Spiteri mtella' bhala xhud tal-Prosekuzzjoni, ghazel li ma jixhidx stante li setgha jinkrimina lilu nnifsu.

Illi tenut tutto cio, ma jirrizulta ebda prova li setghet b'xi mod torbot ill-imputati mar-reati addebitati ghaldaqstant qeghda tilliberahom mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------